## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

BD (K.I. XXXX)

*vs*

L-Avukat Dr XX XX u l-P.L. XX XX li b'digriet tal-XX XX XX ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' JS (K.I. XXXX)

## Rikors Ġuramentat ta' BD (K.I. XXXX);

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi permezz ta' att ta' konvenju li sar bix-xhieda tan-Nutar XX XX nhar it-XX (X) ta' XX XXX (XXXX), JS wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ, jassenja u jittrasferixxi lill-istanti, aċċettanti, il-porzjoni diviża ta' art fi Triq il-XX, limiti ta' XX, ġja XX, indikata bin-numru XX (X) fil-pjanta annessa mal-imsemmi konvenju, kif ukoll nofs indiviż tad-dwejra formanti parti mir-razzett numru XX ittra X (XX) fl-istess Triq il-XX, XX ġja XX, indikata wkoll fl-istess pjanta bil-komunjoni mas-sidien tal-kmamar l-oħra fl-istess razzett tar-remissa u tal-bitħa indikati bil-kelma "komun" fl-istess pjanta, libera u franka minn kull ċens u piż, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, bl-arja relattiva u bis-sottosuol kollu tagħhom u bil-pussess battal, u dan versu l-prezz ta' XX elef euro (€X) u taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm elenkati;

2. Illi permezz tal-istess ftehim, l-esponenti kkonvjena wkoll dwar il-komprovendita' ta' beni adjaġenti mingħand AS, GS u PS, liema trasferimenti mhumiex in disputa;

3. Illi tali konvenju kellu jiskadi nhar it-XX (X) ta' XX XX XX (XX) iżda fil-mori tal-konvenju, l-esponenti sar jaf li JS miet;

4. Illi minħabba f'hekk, il-publikazzjoni tal-att definittiv fir-rigwrad tal-beni sopradeskritti baqgħet ma seħħitx u għaldaqstant, sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu, l-esponenti adopera l-proċedura stabbilita fl-Art. 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ressaq l-opportuna interpellazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali fil-konfront tal-eredita' ġjaċenti ta' JS u kontestwalment mal-istess ittra uffiċjali ippreżenta rikors sabiex din l-

Onorabbli Qorti jogħġobha taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-istess eredita' ġjaċenti stante li l-esponenti ma jafx min huma l-eredi tiegħu. Sussegwentement u ċjoe b'digriet tal-XX XX XX ġew maħtura kuraturi l-Avukat XX XX u l-Prokuratriċi Legali XX XX;

5. Illi qed tiġi annessa kopja tal-imsemmija ittra uffiċċjali li ġġib in-numru XX/XXXX li tinkludi wkoll kopja awtentika tal-konvenju suriferit kif ukoll l-atti tar-rikors għall-ħatra tal-konvenuti bħala kuraturi fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċċjali u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti, liema kopja qed tiġi mmarkata bħala Dok. "A";

6. Illi għal kull buon fini jiġi dikjarat li l-imsemmi konvenju ġie debitament notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi u jġib in-numru XXX kif jidher min-Notifika ta' Konvenju li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "B";

7. Illi peress li sal-lum it-trasferiment għadu ma seħħx kellha ssir din il-kawża;

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li JS wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ, jassenja u jittrasferixxi lill-mittenti, aċċettanti, il-proprjeta sopradeskritta fi Triq il-XX, limiti ta' XX, ġja XX u dan versu l-prezz ta' XX elef euro (€X) u taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fil-konvenju suriferit, xi ħaġa li sal-lum għadha ma seħħitx stante l-mewt tal-istess JS u għalhekk l-intimati fil-kwalita tagħha premessa għandhom jiġi ordnati jersqu għall-pubblikazzjoni kuntratt ta' komprovendita tal-istess beni u kemm-il darba dan ma jseħħx għandhom jiġu kkundannati jħallsu d-danni talvolta sofferti mill-istanti b'riżultat ta' tali inadempjenza;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, in rappreżentenza tal-eredita' ġjaċenti ta' JS, huma vinkolati fil-konfront tal-attur skont att ta' konvenju li sar bix-xhieda tan-Nutar Dottor XX XX nhar il-XX XX XX u li permezz tiegħu id-*decujus* wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ, jassenja u jittrasferixxi lill-attur, aċċettanti, il-porzjoni diviża ta' art fi Triq il-XX, limiti ta' XX, ġja XX, indikata bin-numru XX (X) fil-pjanta annessa mal-imsemmi konvenju, kif ukoll nofs indiviż tad-dwejra formanti parti mir-razzett numru XX ittra X (XX) fl-istess Triq il-XX, XX ġja XX, indikata wkoll fl-istess pjanta bil-komunjoni mas-sidien tal-kmamar l-oħra fl-istess razzett tar-remissa u tal-bitħa indikati bil-kelma "komun" fl-istess pjanta, libera u franka minn kull ċens u piż, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, bl-arja relattiva u bis-sottosuol kollu tagħhom u bil-pussess battal, u dan versu l-prezz ta' XX elef euro (€X) u taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm elenkati;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jersqu u jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt

definittiv ta' komprovendita fir-rigward tal-imsemmija beni u dan fit-termini tal-att ta' konvenju tal-XX XX XX u versu l-prezz ta' għaxart elef euro (€X);

3. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jirċievi l-att definittiv ta' komprovendita;

4. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' trasferiment;

5. Tiffissa data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt;

6. Kemm-il darba l-bejgħ ma jistax isir, tiddikjara li l-attur sofra danni b'riżultat tal-fatt li l-konvenuti, fil-kwalita' tagħhom premessa, jew min minnhom, naqsu mill-obbligi tagħhom naxxenti mill-konvenju tal-XX XX XX;

7. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi;

8. Tikkundanna lill-konvenuti, fil-kwalita' tagħhom premessa, jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-XX XX XX (Dok. A) fl-istess ismijiet u bl-imgħax kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Attur: XX, Triq XXX, XX

Konvenuti: Il-Qorti, Valletta (Notifiki Separati)

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

BD (K.I. XXX)

*vs*

L-Avukat Dr XX XX u l-P.L. XX XX li b'digriet tal-XX XX XX ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' JS (K.I. XXX)

**Lista ta' Xhieda;**

L-attur għall-konferna tal-fatti dikjarati u sabiex jelabora fuqhom;

Familjari tal-attur inkluż missieru CD sabiex jixhed dwar in-negozju mertu tal-kawża;

In-Nutar XX XX jew nutar li jagħmel minfloku sabiex jixhed dwar il-konvenju li sar bejn il-kontendenti kif ukoll sabiex jippreżenta dokumenti relatati li jinsabu fil-pussess tiegħu;

Il-Kummissarju tat-Taxxi jew rappreżentant tiegħu sabiex jixhed dwar in-notifika tal-konvenju lilu mogħtija fit-termini tal-liġi;

Qraba tal-kontendenti, sabiex jixhdu dwar dan l-att ta' konvenju u l-mewt ta' JS;

Direttur Qrati Ċivili u Tribunali jew rappreżentant tiegħu sabiex jixhed dwar atti ġudizzjarji li jirrigwardaw il-beni mertu tal-kawża.

Avv. John Bonello          P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

BD (K.I. XXX)

*vs*

L-Avukat Dr XX XX u l-P.L. XX XX li b'digriet tal-XX XX XX ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' ġjaċenti ta' JS (K.I. XXX)

**Lista ta' Dokumenti;**

Dok. A Kopja Legali tal-Ittra Uffiċjali numru XX/XXXX preżentata nhar il-XX XX XX kompriża kopja awtentika tal-konvenju kif ukoll l-atti tar-rikors għall-ħatra tal-kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' JS;

Dok. B Notifika ta' Konvenju datata XX XX XX.

Avv. John Bonello P.L. Jean-Pierre Busuttil